

32003R0631

L 92/6

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

9.4.2003

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 631/2003**tas-7 ta' April 2003**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1334/2002 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1638/98 fir-rigward tal-kondizzjonijiet għall-approvazzjoni ta' u l-limiti ta' żmien għall-programmi tax-xogħol ta' organizzazzjonijiet ta' operaturi fis-settur taż-żebru għas-snin tas-suq 2002/2003 u 2003/2004

IL-KUMMISSJONI TALL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1638/98 ta' l-20 ta' Lulju 1998 li jemenda r-Regolament Nru 136/66/KEE dwar l-istabbiliment ta' organizzazzjoni komuni fis-suq taż-żjut u x-xaħmijiet⁽¹⁾, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1513/2001⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4a(4)(a) u (ċ) miġjub fih,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1334/2002⁽³⁾, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1965/2002⁽⁴⁾, jippreskrivi, għas-snin tas-suq 2002/2003 u 2003/2004, ir-regoli dwar l-approvazzjoni u l-programmi tax-xogħol ta' organizzazzjonijiet ta' operaturi fis-settur taż-żebru għall-għanijiet ta' l-iffinanzjar mill-Komunità li għalihom jipprovdi l-Artikolu 4a tar-Regolament (KE) Nru 1638/98. Sabiex tiġi simplifikata l-amministrazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tħajjar parteċipazzjoni estensiva mill-organizzaturi fis-settur, uħud mill-kondizzjonijiet għall-approvazzjoni ta' assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produttori fis-settur għandhom jiġu emendati.
- (2) Minħabba li d-dispożizzjonijiet dwar l-iffinanzjar ta' programmi tax-xogħol huma ġodda, it-tnejn ta' programmi tax-xogħol minn organizzazzjonijiet approvati ta' operaturi teħtieġ xogħol preparatorju konsiderevoli. Il-limiti ta' żmien rilevanti msemmija fir-Regolament (KE) Nru 1334/2002 għandhom għalhekk jiġu mtawwla.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 1334/2002 għandu jiġi hekk emendat.
- (4) Il-miżuri iżda provvduti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija taż-Żjut u x-Xaħmijiet,

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament lill-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' April 2003.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1334/2002 qiegħed jiġi emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 2(3) jiġi mibdul b'dan li ġej:

"3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(1) ta' dan ir-Regolament, organizzazzjonijiet ta' operaturi fis-settur taż-żebru u l-assoċjazzjonijiet tagħhom approvati skond l-Artikolu 20c tar-Regolament Nru 136/66/EEC u organizzazzjonijiet oħra ta' operaturi fis-settur taż-żebru li għandhom l-għarfien mill-Istat Membru li jibgħatu programm tax-xogħol skond l-Artikolu 5 għandhom jitqiesu bħala approvati taħt dan ir-Regolament fejn ikunu jikkonformaw mal-kriterji msemmija fil-paragrafi 1 u 2. Iżda, assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produttori jistgħu jinkludu massimu ta' 10 % ta' organizzazzjonijiet ta' produttori mhux approvati taħt il-punt (a) jew massimu ta' seba' minn dawk l-organizzazzjonijiet."
2. Fl-Artikolu 3(1), "31 ta' Marzu 2003" hija sostitwita bi "31 ta' Mejju 2003".
3. Fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 5(2), "31 ta' Marzu 2003" hija sostitwita bi "31 ta' Mejju 2003".
4. Fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 6(3), "31 ta' Mejju 2003" hija sostitwita bi "31 ta' Lulju 2003".
5. Fl-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' l-Artikolu 11(2), "30 ta' Ġunju 2003" hija sostitwita bi "5 ta' Settembru 2003".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu jgħodd mill-31 ta' Marzu 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 210, tat-28.7.1998, p. 32.

⁽²⁾ ĠU L 201, tas-26.7.2001, p. 4.

⁽³⁾ ĠU L 195, ta' l-24.7.2002, p. 16.

⁽⁴⁾ ĠU L 300, tal-5.11.2002, p. 4.